MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2013

Numru. 950/2011

**Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**vs**

**Emanuela Camilleri**
**Kirsten Camilleri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Emanuela Camilleri ta’ 39 sena mwielda fid-29 ta’ Dicembru 1971 Pieta’, bint Carmelo Galea u Antonia nee’ Zahra u residenti f’Emanuela House Triq is-Siegh, Swieqi u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 59672M u l-imputata Kirsten Camilleri ta’ 24 sena mwielda fil-21 ta’ Gunju 1987 Pieta’ bint Mario u Emanuela nee’ Galea u residenti f’indirizz mhux maghruf gewwa l-Gzira u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 291187M gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

Fil-15 ta’ Awissu 2011 f’San Pawl il-Bahar cioe gewwa l-Crown Hotel f’xi hin bejn it-tmienja ta’ filghodu (08.00hrs) u s-sitta ta’ wara nofsinhar (18.00hrs) ikkommettew serq liema serq huwa ta’ flus kontanti u li huwa ta’ valur aktar minn 233 Euros u anqas minn 2330 Euros ghad-detriment ta’ terzi persuni liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur u bil-persuna.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta’ Awwissu 2011 (esebit *a folio* 15 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tas-17 ta’ Awwissu 2011 l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw allegat serq ta’ flus kontanti li sehh minn gewwa kamra numru 1306 tal-Crown Hotel f’San Pawl il-Bahar liema serq allegatament sehh fil-15 ta’ Awwissu 2011 bejn it-8.00am u s-6.00pm waqt li z-zewg imputati kienu qed inaddfu wahda mill-kmamar fl-imsemmija lukanda. Meta xehed Omeros Karapetyan waqt l-udjenza tas-17 ta’ Awwissu 2011 huwa sostna lli fil-gurnata in dizamina kien qed jokkupa din il-kamra flimkien ma martu u jghid li filghodu marru l-bahar u mbaghad kellhom appuntament mal-gwida fis-saghtejn u nizlu jiltaqghu maghha fir-reception u fis-2.15pm huwa rega’ tela’ fil-kamra sabiex igib ic-cavetta tas-safe li kien isfel minn fejn kellu igib il-passaporti u jhallas lil gwida ghal trip li kellhom jaghmlu Sqallija. Huwa qal li malli lestew tela’ fil-kamra u sab il-bieb miftuh u zewg nisa qed

inadfu fejn wahda kienet hierga mill-kamra waqt li kien diehel hu u l-ohra harget mill-kamra tal-banju bix-xugamani f'idejha. Dan ix-xhud qal li huwa mar dritt lejn il-kexxun tal-komodina ifittex xi flus kontanti li qal li kienu bejn €610 u €650 u ma sabhomx hemm. Huwa qal li staqsa lil mara tieghu u din bdiet tfittex il-flus fil-portmoni taghha u dak il-hin ghaddiet l-imputata Kirsten Camilleri bix-xugamani u huwa hareg xi flus mill-but u beda' jippuntalha lejn il-kexxun tal-komodina. Huwa qal li imbaghad il-mara nizlet ir-reception u huwa tkellem mar-receptionist permezz tat-telephone fejn kien hemm il-gwida qed titraduci. Meta in kontro-ezami gie mistoqsi jekk kienx minnu li ghall-ewwel kien semma s-somma ta' €100, imbaghad dik ta' €400 u wara dik ta' €650 mal-Manager u mar-receptionist huwa rrisponda li kienet martu li semmiet is-somma ta' €400 izda kien hu li kien jaf ezattament kemm kellu flus. Huwa qal ukoll li meta dahal fil-kamra fl-ebda hin ma ra liz-zewg imputati vicin il-kexxun tal-komodina jew altrimenti sab il-kexxun tal-komodina miftuh. Meta xehdet Arpime Karapetyan mart Omeros Karapetyan, din qalet li l-flus kienu poggewhom fil-kexxun tal-komodina meta telghu mill-bahar fil-11.30am ghaliex il-flus kienu mxarbin. Meta xehdu Ronald Azzopardi il-manager tal-lukanda[1] u Rita Xuereb il-housekeeper[2] dawn it-tnejn ikkonfermaw li l-gwida li bdiet titraduci mir-Russu ghall-Ingliz dak li beda' jghid l-allegat derubat qaltilhom li dan l-ewwel qal li kienu nsterqulu €100 izda mbaghad biddel l-ammont ghal €400 u wara ghal €650. Dan gie ukoll ikkonfermat minn Victor Tegere li kien ir-receptionist fid-data in dizamina.

Ikkunsidrat:

Illi z-zewg imputati irrilaxxjaw stqarrijiet[3] fejn huma nnegaw li kienu hadu xi flus minn dik il-kamra u qalu li l-anqas kienu raw xi flus. Kirsten Camilleri qalet li meta it-turist Russu beda' jindikalha li ttiehdulu xi flus hija bdiet tghidlu sabiex imur ir-reception. Huma kkonfermaw dak li kienu qalu fl-istqarrijiet minnhom rilaxxjati meta ghazlu li

[1] Li xehed waqt l-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2011
[2] Li wkoll xehdet waqt l-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2011
[3] Inseriti a fol. 9 u 12 tal-atti processwali.

jixhdu f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 ta’ Mejju 2012 u tas-6 ta’ Lulju 2012.

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz din il-Qorti jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad ta’ lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputati hadu xi flus kontanti mill-kamra 1306 fid-data ndikata fl-akkuza. Il-Qorti ghandha dubju dwar il-kredibilita’ tal-allegati vittmi li kif irrizulta minn xhieda ohra indipendenti bidlu ghal tlett darbiet l-ammont li allegatament hallew fil-kexxun. Il-Qorti setghat ukoll tinnota li filwaqt li t-turist Russu qal li kien halla l-flus fil-kexxun martu specifikat li kienu hallew il-flus sabiex jinxfu fil-kexxun. Il-Qorti setghat ukoll tikkonstata li hadd mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni ma ndika li kien ra lil xi wahda miz-zewg imputati hdejn il-komodina jew rahom jifthu l-kexxun u qed jiehdu l-flus. Il-Qorti setghat ukoll tara li meta t-turist Russu tela’ fil-kamra sab il-bieb tal-kamra miftuh. Il-Qorti jidrilha li li kieku l-imputati riedu jiehdu l-flus mill-kexxun huma kienu jaghlqu l-bieb tal-kamra u mhux jiehdu r-riskju li jhallu l-bieb miftuh u jarahom xi hadd.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------